MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Numru. 1090/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Carlos Falzon**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Carlos Falzon ta' 24 sena, bin Stephen u Catherine nee' Zerafa, imwieled Pieta' fit-13 ta' Settembru 1986 u residenti 27, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita' numru 551386(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-22 t'Ottubru 2010 f'hinijiet differenti, gewwa l-Belt Valletta,

1. Ikkommetta serq ta' curkett tad-deheb ta' valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2329.37 liema serq

huwa aggravat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' Alfie's Jewellers ta' Triq il-Merkanti, Valletta u dan bi ksur ta' Artikolu 261(b)(c), 263, 264 u 267 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data ikkommetta serq ta' zewg vettrini li kienu jikkontjenu ghodda u mwies ta' valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz, ghad-detriment ta' Vee Gee Bee Art ta' Triq ir-Repubblika, Valletta u dan bi ksur ta' Artikolu 261(b)(c), 263, 264 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data minn gewwa tal-Lira, sitwat fi Triq Zakkarija, Valletta, ikkommetta serq semplici ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi €23.29 izda inqas minn €232.94 u dan bi ksur ta' Artikolu 284, 285 u 286 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistata b'reat u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Wara li gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni instab fil-pussess ta' hwejjeg misruqa minghajr ma kien sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu u dan bi ksur ta' Artikolu 286 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Bejn Jannar 2010 u t-23 t'Ottubru 2010 f'dawn il-gzejjer, naqas millli jirraporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta tal-identita' tieghu u cioe l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'Artikolu 5 (2)(b) ta' Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqatx aktar konkreta u kif ukoll naqas li jaghti dak it-taghrif kollu mehtieg u dan bi ksur ta' Artikolu 9 ta' l-Att dwar il-karta ta' l-identita' Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta xahar prigunerija

sospiza ghal sitt xhur moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani LL.D nhar l-24/03/2010 liema sentenza sospiza giet estiza ghall sitt xhur ohra mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D b'sentenza datata 23/06/2010;

8. B'hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D b'sentenza datata 23/06/2010;

9. B'hekk rrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghawx jigu mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F' kas ta' htija ta' imputazzjoni numru 6, il-Qorti kienet gentilment mitluba tordna lill-imputat Carlos Falzon ihallas €11.65 ghal kull gurnata li matulha jitkompla r-reat u dan kif mahsub f'Artikolu 14(1) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Ottubru 2010 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010 ddikajra li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Gunju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u

kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu salv ghal dawk li nghataw bhala alternattiva ghal ohrajn li taghhom l-imputat ser jinstab hati jew ghal dawk li diga’ gew trattati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li skond ma rrizulta waqt is-sottomissjonijiet finali li saru dwar il-piena li l-imputat wera x-xewqa li jibda’ u jkompli programm sabiex jeghleb il-problema ta’ abbuz mid-droga u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva vicin il-minimum imponibbli b’rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb din il-problema. In kwantu jirrigwarda s-sitt u s-seba’ imputazzjoni l-Qorti rat dak verbalizzat mill-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tal-24 ta’ Gunju 2011 fejn il-Qorti giet infurmata li din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet diga trattat mal-imputat kemm in kwantu jirrigwarda is-sentenza sospiza li giet reza operattiva kif ukoll in kwantu jirrigwarda il-ksur tal-Ordni tal-Probation u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment dawn l-imputazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda r-raba’ u l-hames imputazzjoni huwa evidenti li dawn l-imputazzjonijiet inghataw bhala alternattiva ghall-imputazzjonjiet ta’ serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), 263. 264, 267, 284, 285, 278,49, 50, 289, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), is-sitt(6) u d-disa (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’(4), l-hames(5), is-

seba'(7) u t-tmien(8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------